C/2023/601

31.10.2023

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.11329 – KIA / OTPP / SEACUBE)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2023/601)

1. Fl-20 ta' Ottubru 2023, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Wren House Martello LP ("Wren House", ir-Renju Unit), ikkontrollata mill-Kuwait Investment Authority ("KIA", il-Kuwajt),

— Ontario Teachers' Pension Plan Board ("OTPP", il-Kanada),

L-entità fil-mira, SeaCube Container Leasing Ltd ("SeaCube", l-Entità fil-Mira, l-Istati Uniti tal-Amerka), bħalissa hija kkontrollata minn OTPP (il-Kanada).

Wren House u OTPP se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' SeaCube.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— Wren House hija maniġer tal-assi globali b'mandat li tinvesti globalment fl-infrastruttura fl-utilitajiet tal-enerġija, it-trasport u s-setturi ewlenin plus, fosthom l-infrastruttura soċjali, l-infrastruttura diġitali u s-sistemi naturali. Wren House hija attiva globalment.

— OTPP hija responsabbli għall-amministrazzjoni tal-benefiċċji tal-pensjoni u l-investiment globali tal-assi tal-pjan tal-pensjoni f'isem għalliema attivi u rtirati fil-provinċja Kanadiża ta' Ontario. OTPP hija attiva globalment.

3. SeaCube hija attiva fil-kiri u l-bejgħ globali ta' containers użati għat-trasport globali tal-merkanzija fil-containers.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11329 – KIA / OTPP / SEACUBE

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolamernt dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË